MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2005

Talba Numru. 2536/2002

**Untours Insurance Agents Limited ghall-Qatar Insurance Company kif surrogata fid-drittjiet ta' Emanuel Cuschieri u l-istess Emanuel Cuschieri**

**vs**

**Francis Camilleri u b'digriet tad-9 ta' Gunju 2003 gie awtorizzat l-intervent fil-kawza ta' SMS Insurance Agency Limited**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-22 ta' Ottubru 2002 fejn gie mitlub lli l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' seba' mija u disgha u tmenin lira Maltin u erbatax il-centezmu (Lm789.14) rapprezentanti danni kagunati f'incident stradali li sehh fil-31 ta' Dicembru 2001, f'San Giljan bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni DAB 403 propjeta' tal-attur Emanuel

Cuschieri u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni HAD 751 misjuqa mill-konvenut.
Bl-ispejjes, inkluzi Lm23.00 ta' ittra u konsult u dawk tal-ittra ufficjali prezentata ai termini tal-Kap. 104 tal-Ligiijiet ta' Malta u bl-imghax mid-data tan-notifika tal-Avviz sal-hlas effettiv kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra d-digriet tad-9 ta' Gunju 2003 fejn intlaqghet it-talba ta' SMS Insurance Agency Limited sabiex hija tintervjeni fil-kawza in statu et terminis.

Ra r-Risposta tas-socjeta' intervenuta fil-kawza fejn hija eccepiet is-segwenti:-
Is-socjeta' assikuratrici intervenuta fil-kawza bhala l-assikuratrici tal-konvenut Francis Camilleri qed tikkontesta t-talbiet attrici stante li l-assikurat taghha ma jahti xejn ghall-incident mertu tal-kawza u ghalhekk ma hemm ebda danni x'jigu likwidati fil-konfront tieghu.
Bl-ispejjes.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa s-segwenti:-

Ma naqbilx li jiena nahti ghall-incident mertu ta' din il-kawza peress li jiena naf li zgur ma hbatx mal-vettura tal-attur kif qed jigi allegat mill-atturi u ghalhekk m'ghandi nhallas ebda danni kif minnhom mitlub.
Bl-ispejjes.

Sema' x-xhieda ta' Emanuel Cuschieri, Mario Mifsud, PS 547 Martin Agius, Keith Agius u tal-konvenut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti mill-partijiet.

Sema t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi l-kawza tirrigwarda danni kawzati fil-vettura bin-numru tar-registrazzjoni DAB 403 propjeta' tal-attur Emanuel Cuschieri fil-31 ta' Dicembru 2001 waqt li din il-vettura kienet parkeggjata f'Old College Street, San Giljan.

Emanuel Cuschieri xehed li fi *New Year's Eve* ta' bejn is-sena 2000 u 2001 huwa kien halla l-vettura tieghu parkeggjata f'Old College Street, San Giljan fejn huwa jirrisjedi, u l-ghada fil-ghodu kien sab il-vettura milquta. Huwa kien ghamel rapport lill-Pulizjia u mill-investigazzjonijiet li dawn ghamlu ma xi girien irrizultalhom li l-vettura kienet gie milquta minn *scamel truck* bin-numru tar-registrazzjoni HAD 751 u li dan it-trukk kien qed jinstaq mill-konvenut. Il-konvenut filwaqt li jammetti li fid-data indikata huwa kien ghadda mit-triq in kwisjtoni ghal habta tas-7.00am, kif jaghmel ta' kuljum, jichad li huwa kien laqat il-vettura tal-attur. L-atturi producew bhala xhud lil Keith Agius li fir-rapport tal-Pulizija huwa indikat bhla xhud izda dan cahad kategorikament lli huwa kien ra l-iscamel tal-konvenut jahbat fil-vettura tal-attur jew li kien fl-imsemmija triq meta sehh l-incident.

It-Tribunal jidhirlu li l-atturi naqsu milli jipruvaw sal-grad rikjest mill-ligi li l-konvenut kien laqat il-vettura tal-attur li kienet parkeggjata u kkawzalha danni. Apaprti l-fatt li l-allegat xhud okulari tal-incident, u cioe' Keith Agius, cahad kategorikament li huwa kien ra l-*iscamel* jahbat fil-vettura parkeggjata. It-Tribunal irriskontra diversi diskrepanzi fix-xhieda prodotti mill-atturi. L-attur Emanuel Cuschieri jghid li kienu l-Pulizija li nvestigaw il-kaz u skoprew minghand xi girien li kien it-trukk tal-konvenut li kien ikkawza l-hsara mentri fir-rapport tal-Pulizija u mix-xhieda tal-istess surgwnt lli nvestiga l-kaz jirrizulta li kien l-istess Emanuel Cuschieri li kien indika in-numru tar-registrazjoni tal-*iscamel* lill-Pulizija. Inoltre irid jigi rilevat lli l-indirizz ta'l-allegat xhud okulari, u cioe' Keith Agius jindika li dan jirrisjedi Haz-Zebbug mentri l-attur jghid li kienu xi girien li indikaw in-numru tar-registrazzjoni lis-surgent.

Huwa principju bazilari tal-gurisprudenza taghna li min jallega irid jipprova u f'dan il-kaz l-atturi naqsu milli jippruvaw li l-konvenut kien laqat il-vettura propjeta' tal-attur u kkagunalha hsara.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talbiet attrici bl-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partjiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------